**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, l-18 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Glenn Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Glenn Frendo,** iben George u Charlotte nee` Garrard, imwieled Pieta nhar is-6 ta' April 1991 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0193191M;

Akkużat talli nhar il-21 ta' Marzu 2023 għall-ħabta ta' 13:55hrs ġewwa Tal-Ħandaq limiti ta' Ħal Qormi

1. Kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar ta' għamla Akkar b'numru ta' serje 17261475, arma tan-nar oħra ta' l-ghamla Breda u bla serje u munizzjon, barra mil-fond imsemmi fil-liċenzja u cioe' 55, Horizon View Crt, FL 3, Triq Jean De La Cassiere, San Pawl il-Bahar, kif inhi maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu l-arma tan-nar ta' għamla Akkar b'numru ta' serje 17261475 u l-arma tan-nar oħra ta' l-għamla Breda u bla serje b'kompartiment li jista' jieħu aktar minn żewġ skrataċċ fl-istess ħin, u dan bi ksur ta' L.S. 549.42 tal-Artikolu 18(2)(b);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma żammx l-arma tan-nar ta' għamla Akkar b'numru ta' serje 17261475, arma tan-nar oħra ta' l-għamla Breda u bla serje u munizzjon maqfulin b'mod sigiur u separat f'dak il-fond u li żamm l-arma tan-nar kargata, u dan bi ksur ta' Kap 480 ta' l-Art 5(3)(a) tal-Liġijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala detentur ta' liċenzja taħt xi disposizjoni ta' dan l-Att dwar l-armi naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew li kellu fil-pussess jew kien iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruġa lilu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, għamel tibdiliet jew ittanta li jagħmel tibdiliet fl-arma tan-nar ta' għamla Akkar b'numru ta' serje 17261475, hekk li tinbidel il-klassifikazzjoni ta' dik l-arma tan-nar, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Puliizja, u dan bi ksur tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuna li għandha liċenzja biex iżżomm jew biex ikollha f'idejha jew fuqha arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma ta' għamla Akkar b'numru ta' serje 17261475, arma tan-nar oħra ta' l-għamla Breda u bla serje u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 47 (1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala pussessur ta' liċenzja taħt l-Artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jħares il-Kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja;
8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar oħra ta' l-għamla Breda u bla serje mingħajr li din l-arma tan-nar ma kinetx approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap 480 art 5(2);
9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas li jinforma lil Kummissarju tal-Pulizija meta ġie fil-pussess tiegħu l-arma tan-nar oħra ta' l-għamla Breda u bla serje, u dan bi ksur ta' Art 41, ta' kap 480, tal-Liġijiet ta' Malta;
10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kellu arma tan-nar ta' għamla Breda li ma kinitx immarkata permanenti b'numru ta' serje li bih din tkun tista' tiġi identifikata, u dan bi ksur ta' Artikolu 44(1) ta' Kap 480;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki, u dan bi ksur ta' reg 7(1)(e ) ta' L.S. 549.42;
12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt staġun magħluq għall-insib, ħa jew prova jieħu xi għasafar, u dan bi ksur ta' Reg 18(1)(c ) ta' L.S. 549.42;
13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt staġun magħluq għall-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq l-art, ikkaċja jew prova jikaċċja xi għasfur, jew ġarr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha u dan bi ksur ta' reg 18(1) (a ) ta' l-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71;
14. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien għall-kaċċa waqt staġun magħluq kien qiegħed jagħmel użu minn apparat elettroniku cioe' Bird Caller, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' l-għasafar, u dan bi ksur ta' Reg 7(1)(d ) ta' L.S. 549.42;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

L-imputat qed jiġi akkużat b'pussess u reati oħra relattivi għal żewġ armi tan-nar, waħda tal-marka Akkar u oħra tal-marka Breda, kif ukoll akkużi relatati ma' kaċċa ta' għasafar waqt staġun magħluq, inkluż bl-użu ta' apparat elettroniku, u użu ta' xbieki.

Il-Qorti rat illi fit-trattazzjoni tiegħu l-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-akkużi relatati mal-arma tan-nar tal-marka Akkar m'hemmx dubbju li jirriżultaw peress li l-imputat jidher b'din l-arma fil-*footage* sottomess mill-prosekuzzjoni. Id-difiża qegħda pero tikkontesta l-akkużi safejn jittrattaw l-arma tal-marka Breda, fir-rigward ta' liema d-difiża tikkontendi li mill-provi ma jirriżultax li l-arma tħalliet fuq il-post fejn instabet mill-imputat, jew li hija tiegħu jew li kien użaha hu.

Mill-*footage* preżentat mill-prosekuzzjoni jirriżulta, kif ammess mid-difiża stess, li l-imputat jidher u jintgħaraf sew, fil-pussess ta' arma tan-nar, u jidher jaħbi din l-arma tan-nar, li d-difiża qed tikkonċedi hija l-arma tal-marka Akkar indikata fl-imputazzjonijiet. Din l-arma kienet tħalliet moħbija f'katusa li kien

hemm fuq in-naħa ta' wara tad-dura. Jirriżulta u mhux kontestat li meta nstabet din l-arma kellha *silencer* u kienet ikkargata b'sitt skrataċ. Għaldaqstant l-imputazzjonijiet numru 1 sa 7 jirriżultaw suffiċjentement pruvati safejn jirrigwardaw l-arma tal-marka Akkar.

Fir-rigward tal-arma tal-marka Breda, il-Qorti tosserva li huwa minnu li m'hemmx provi li juru lill-imputat b'din l-arma f'idejh. Pero jirriżulta li meta l-pulizija li marru fuq il-post sabu l-arma tal-għamla Akkar moħbija fil-katusa li kien hemm wara d-dura, l-arma tal-marka Breda kienet faċilment viżibbli u aċċessibli. Għalhekk, m'hemmx dubbju li meta l-imputat mar biex jaħbi l-arma tal-marka Akkar huwa ra l-arma tal-marka Breda, li f'dan il-punt allura waqgħet taħt il-kontroll tiegħu. Minkejja dan huwa naqas milli jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar din l-arma. Mill-provi jirriżulta li din l-arma tan-nar kienet effettivament bla serje peress li n-numru tas-serje kien ġie mibrux u allura ma kienx jidher. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti it-tmien u d-disgħa imputazzjoni jirriżultaw pruvati, filwaqt li l-imputazzjoni numru 1 sa 7 ma jirriżultawx safejn jirrigwardaw l-arma Breda. Il-Qorti tqis li lanqas ma tirriżulta l-imputazzjoni numru 10, u dan peress illi minkejja li l-imputat ġie fil-pussess u/jew kontroll tal-arma tal-marka Breda ma jirriżultax li din l-arma kienet tiegħu.

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru 11, 12 u 14 il-Qorti tosserva li jirriżulta li fejn kien l-imputat instabet guva li kien fiha diversi tajr tal-ilma, u mansab armat fuq l-istess naħa ħdejn l-ilma, kif ukoll *birdcaller.* Il-Qorti rat ukoll li fix-xhieda tagħħa Fiona Burrows spjegat li kienet semgħet ill-ħoss ta' *birdcallers* ġej minn fejn kien hemm l-imputat. Għalhekk il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet jinsabu suffiċjentement pruvati.

Fir-rigward tal-imputazzjoni numru 13 il-Qorti rat illi waqt li kien qiegħed fuq il-post l-imputat kien qiegħed iġġorr arma tan-nar barra l-għata tagħha, li hu suffiċjenti sabiex tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5(2), 5(3), 27(1), 41, 45(1), 47(1), 51 u 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolamenti 7(1)(d), 7(1) (e), 18(1)(a), 18(1)(c), 18(2)(b), u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba`, il-ħames, is-sitt u s-seba` akkużi limitatament safejn jirrigwarda l-arma tan-nar tal-marka Akkar, issibu ħati wkoll tal-akkużi numru tmienja, disgħa, ħdax, tnax, tlettax

u erbatax, filwaqt li tilliberah mill-akkuża numru għaxra, u tikkundannah għal tlett xhur priġunerija sospiżi għal sena, u għal ħlas ta' multa ta' elfejn ewro (€2,000) li tista' titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75), tordna l-konfiska tal-armi tan-nar u oġġetti kollha indikati f'Dok RF4, Dok RF5 u Dok RF6 , u tissospendi kull permess u liċenza relevanti maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussdijarja 549.42 u l-Kapitolu XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u l-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta għal tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur